MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2006

Numru 800/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**
**v**

**TRIZA GRIMA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **TRIZA GRIMA** ta' wiehed w ghoxrin sena bint Dominic u Veronica nee Micallef, imwielda Pieta nhar t-tletin ta' Mejju 1985 u residenti 10, Triq il-Knisja, Xghajra, Zabbar, detentrici tal-karta tal-identita numru 297785M giet imressqa quddiemha akkuzata:

1. talli fl-ewwel ta' Gunju 2006 fl-Ufficju tal-Prim Ministru, bil-qerq holqot jew gieghelt jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew

cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra Robert Cutajar mill-Mellieha, bil-hsieb li b’hekk Robert Cutajar ikun jista jigi kontra s-sewwa akkuzat jew misjub hati ta’ reat;

2. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li taghmel hsara lil Robert Cutajar mill-Mellieha, akkuzat lil Robert Cutajar quddiem awtorita kompetenti b’reat, filwaqt li kienet taf li kien innocenti;

3. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta’ Robert Cutajar mill-Mellieha, wegghetu bi kliem, b’gest, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lil imputata ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti nkulz il-kunsens tal-Avukat Generali esibit fl-atti bhala dokument CSH 2 sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputata, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet lil imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar s-sitta ta’ Settembru 2006 [fol 7].

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta’ Novembru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sitta ta’ Settembru 2006 **xehed l-Ispetur Angelo Gafa** [fol 8] fejn qal li fit-tnejn ta’ Gunju 2006, hu kellu struzzjonijiet mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex imur l-Ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru l-Belt, ghaliex kien hemm allegazzjoni rigward *trading in influence* minn

impjegat fl-istess ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru. Qal li meta mar hemm tkellem ma Remigio Bartolo li hu s-segretarju privat tal- Onorevoli Prim Ministru u ma Alfred Mangion li hu l-*customer care co-ordinator*, dawn qalulu li fl-ewwel ta' Gunju 2006, certu Lee Anthony Degiorgio minn Bormla u l-gharusa tieghu, li aktar tard rrizulta li jisimha Triza Grima, l-imputata presenti fl-awla, kienu fl-ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru sabiex jiltaqghu personalment mal-Onorevoli Prim Ministru u dan sabiex Lee Anthony Degiorgio jinstablu xoghol u biex ikellmuh fuq materji personali.

Irrizulta skond ma qalulu Remigio Bartolo u Alfred Mangion, li Lee Anthony Mangion kien applika sabiex jidhol fil-Forzi Armati ta' Malta fir-rank ta' *gunner* u li f'dan l-istess perjodu, Lee Anthony Degiorgio kien iltaqa ma certu Frans mill-Marsa maghruf bhala 'Pluto', li weghdu li kien kapaci jezercita certa nfluwenza ma nies li kien jaf f'certu posizzjoni gholja sabiex dan jigi ingaggat fl-armata. Qalulu wkoll li Lee Anthony Degiorgio u l-gharusa tieghu kienu qalulhom li Frans Mizzi kien talabhom s-somma ta' hames mitt lira, liema flus kellhom jghaddu ghand haddiehor.

Qalulu wkoll li dakinhar tal-ewwel ta' Gunju 2006, Triza Grima kienet qalet li Frans Mizzi kien hadhom fil-Kwartieri Generali tal-Partit Nazzjonalista u hemm rat lil Frans Mizzi jghaddi dawn il-hames mitt lira li kienet tat lilu, lil Robert Cutajar ta' Net Sports. Triza Grima qaltilhom wkoll li dan kollu riedet tghidu lil Onorevoli Prim Ministru sabiex ikun jaf x'impjegati ghandu.

Ix-xhud zied jghid li nhar t-tnejn ta' Gunju 2006, hu kien kellem lil Lee Anthony Degiorgio fil-presenza ta' Remigio Bartolo u Alfred Mangion u dan stqarr mieghu li waqt li l-gharusa tieghu kienet qalet li rat lil Frans Mizzi jghaddi l-flus lil Robert Cutajar, hu ma kien ra xejn minn dan ghalkemm kien maghha l-hin kollu. Qal li dakinhar stess Lee Anthony Degiorgio kien gharaf lil Robert Cutajar impjegat fl-ufficju tal- Onorevoli Prim Ministru bhala l-istess persuna li kienu rreferew ghalih aktar qabel u zied jghid li dan jaghmel programmi televisivi fuq sports fuq

Net Television. Qal li sussegwentement hu tkellem ma Lee Anthony Degiorgio fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn kien irrilaxxja dikjarazzjoni fejn stqarr li hu kien ghadda l-flus lil Frans Mizzi. Qal li eventwalment gara li malli kien hemm l-ingaggi fl-armata, dan Lee Anthony Degiorgio m'intghazilx u peress li kien irrabbjat mar ikellem lil Frans Mizzi u dan tal-ahhar kien irritornalu l-flus ghajr xi hamsa w ghoxrin jew tletin lira u qallu li dawk ma riedhomx minghandu.

Ix-xhud spjega li hu ra stramb il-fatt li l-impjegati tal-ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru kienu qalulu li Triza Grima kienet qaltilhom li rat lil Frans Mizzi jghaddi l-flus lil Robert Cutajar meta fil-fatt Lee Anthony Degiorgio li kien ghadu kif kellmu, qallu li ma kien jaf xejn b'dan u ghalhekk rega' baghat ghal Triza Grima u hadilha stqarrija wara li taha s-solita twissija. L-imputata kienet ikkonfermat li veru kienu ghaddew hames mitt lira lil Frans Mizzi pero nnegat li kienet rat xi flus jghaddu minghand Frans Mizzi ghal ghand Robert Cutajar w innegat wkoll li kienet qalet dawn il-kliem lil impjegati tal-Ufficju tal- Onorevoli Prim Ministru. Hi pero kkonfermat li kienu marru l-Kwartieri Generali tal-Partit Nazzjonalista. Qalet li hi kienet kellmet wkoll lil missierha ghaliex nofs il-flus li kienu ghaddew lil Frans Mizzi, kien harighom hu.

Ix-xhud zied jghid li hu tkellem ma Frans Mizzi maghruf bhala 'Pluto' li minn naha tieghu nnega li kien ghadda xi flus lil Robert Cutajar. Qal li tkellem wkoll ma Robert Cutajar li wkoll innega li qatt xi darba kien ircieva xi flus minghand Frans Mizzi. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija tal-imputata w ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-imputat kif wkoll ta' WPC 64 Connie Gauci fuqha, liema stqarrija giet immarkata bhala dokument AG [fol 13]. <u>Fuq domanda tal-Qorti ix-xhud ikkonferma li l-imputata m'ghamlet ebda rapport rigward l-flus li ghaddew minn persuna ghal ohra mal-pulizija ezekuttiva</u>.

Zied jghid li l-appuntament li kien originarjament ghamel Lee Anthony Degiorgio kien biex jottjeni xoghol u ghal xi raguni personali, ghalkemm ma kienx f'posizzjoni jghid jekk tali appuntament sarx bil-fomm jew bil-miktub. Qal li

meta tkellem ma Lee Anthony Degiorgio l-ewwel darba fl-ufficju tal- Onorevoli Prim Ministru, hu kien identifika ruhu bhala spettur tal-pulizija mieghu, ghalkemm ix-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni jghidu li l-ispettur identifika ruhu bhala trail fl-ahhar tal-inkontru. Cahad dak li gie allegat mid-difiza li hu kien investiga lil Lee Anthony Degiorgio fl-ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru. Qal li hu kien gie nfurmat li lil Lee Anthony Degiorgio ma qalulux li hu kien spettur tal-pulizija u li kien ser ikun presenti ghal dik l-laqgha u kien ghalhekk li ddentifika ruhu bhala tali. Quddiemu pero dan Lee Anthony Degiorgio kien irrepeta dawk l-affarijiet li kienu qalulu qabel l-impjegati tal-istess ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru l-jum ta' qabel. Qal li hu kien staqsa lil Lee Anthony Degiorgio jekk kienx lest li jmur voluntarjament l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u effettivament dan kien mar.

Illi nhar s-sitta ta' Settembru 2006 **xehed Remigio Bartolo** [fol 15] fejn qal li hu s-segretarju personali tal-Onorevoli Prim Ministru. Mistoqsi jekk jgharafx lil imputata odjerna, x-xhud wiegeb fl-affermattiv. Spjega li jkun hemm diversi nies li jixtiequ jghamlu appuntament mal-Onorevoli Prim Ministru, u fost dawn kien hemm Lee Anthony Degiorgio. Qal li hu baghat ghalih sabiex jkellmu bhala segretarju tal-Onorevoli Prim Ministru biex qabel jarah hu, ghalkemm ma ftakarx kif fil-fatt Lee Anthony Degiorgio ghamel dan l-appuntament. Qal li mieghu kien hemm dakinhar Alfred Mangion, *head* tal-*customer care*. Qal li ftit wara li beda jghidlu x'ried, dahlet fid-diskursata l-gharusa tieghu li tigi l-imputata presenti fl-awla, li qalet li l-gharus taghha kien ghamel applikazzjoni biex jidhol suldat mal-forzi armati u li kien ikkuntattjah certu Frans maghruf bhala Pluto w ghaddielu hames mitt lira. Qal li dan 'Pluto' la qatt iltaqa mieghu u lanqas biss jafu hu. Qaltlu li aktar tard hi ltaqghet ma dan l-istess Frans fl-istamperija tan-Nazzjonalisti u ratu jghaddi l-hames mitt lira lil Robert Cutajar tal-Isports.

Mistoqsi mill-Qorti ta' minn kienu dawn il-hames mitt lira li gew mghoddija jew x'kienu jirrappresentaw, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf u hu kien qed jirrepeti dak li qalulu. Qal li meta Lee Anthony Degiorgio u l-imputata telqu minn

quddiemu, hu baghat ghal Robert Cutajar. Qal li pero dan ma jahdimx l-istamperija izda hu impjegat fl-ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru, u ghalkemm jaghmel xi programm tat-television dwar sport fuq Net television. Qal li meta mar quddiemu qallu b'dak li kienet allegat l-imputata u dan minn naha tieghu cahad l-involviment tieghu, kemm bl-inkontru kif wkoll bil-fatt li gew mghoddija lilu s-somma ta' hames mitt lira.

Mistoqsi mill-Qorti jekk Robert Cutajar jafx lil Frans l-'Pluto', ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf pero minn jeddu qal li kien qallu li semgha bih u hu ma staqsihx f'liema kuntest kien semgha bih. Qal li hu jaf li l-imputata qaltlu li ghaddiet hames mitt lira lil Frans il-'Pluto' sabiex ghin lil Lee Anthony Degiorgio isib *job*. Mistoqsi mill-Qorti jekk dawk l-hames mitt lira li Lee Anthony Degiorgio ta lil 'Pluto' gewx mghoddija lil Robert Cutajar skond kif allegat l-imputata ix-xhud wiegeb li ma jafx jekk kienux l-istess hames mitt lira. Qal li taht dawk c-cirkostanzi hu dehrlu li kellu jinforma lil Kummissarju tal-Pulizija b'dan li ghadu kemm xehed u fil-frattemp Robert Cutajar cempel lil Kummissarju tal-Pulizija.

Zied jghid li l-Kummissarju tal-Pulizija kien qallu li kien ser jibghat lil Ispettur Angelo Gafa biex ikellimhom. Qal li dan l-ispettur lilu u lil Robert Cutajar kellimhom separatament u li kien minn rajh li cempel lil Lee Anthony Degiorgio biex imur fl-ufficju tieghu u tkellmu ghal darb'ohra fil-presenza ta' Alfred Mangion u l-Ispettur Angelo Gafa ma dan Lee Anthony Degiorgio.

Qal li fil-bidu lil Lee Anthony Degiorgio ma qallux li Angelo Gafa kien spettur tal-pulizija pero wara li qal l-istorja kollha qallu. Qal li l-ispettur fil-presenza tieghu staqsa lil Lee Anthony Degiorgio jekk jgharafx lil Robert Cutajar li hu l-istess Robert li kien presenti fl-istamperija u Lee Anthony Degiorgio ikkonferma dan. Qal li dak l-hin hu ghajjat lil Robert Cutajar fl-ufficju u l-ispettur staqsa lil Lee Anthony Degiorgio jekk jgharfux u dan tal-ahhar ikkonferma dan.

Ix-xhud zied jghid li meta regghu ltaqghu t-tieni darba, l-allegazzjoni in kwistjoni li kienu gew mghoddija xi flus,

ghamlitha mhux l-imputata ghaliex effettivament ma kienetx presenti, imma ghamilha Lee Anthony Degiorgio. Qal li meta Lee Anthony Degiorgio dahal fl-ufficju u mar l-ispettur, Lee ghal ewwel qal dak li kien allega l-jum ta' qabel u wara li ghamel din l-allegazzjoni, l-Ispettur Gafa ntroduca ruhu bhala spettur tal-pulizija.

Mistoqsi mill-Qorti jekk effettivament hu, lil Kummissarju tal-Pulizija, qallux li Lee Anthony Degiorgio kien ghamel din l-allegazzjoni, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx u kull ma jiftakar hu li hu qal dan d-diskors fil-konfront tal-imputata mal-Kummissarju tal-Pulizija. Qal li l-appuntament mal-Onorevoli Prim Ministru ghamlu Lee Anthony Degiorgio mhux l-imputata. Mistoqsi jiftakarx diskors fis-sens li xi hadd mir-rappresentanti tal-ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru qalx lil Lee Anthony Degiorgio li mhux xoghol ma kienx hemm, izda li hu ma riedx jahdem u effettivament Lee Anthony Degiorgio wiegeb li anke flus hallas biex isib xoghol? Ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx li sar dak d-diskors.

Illi nhar s-sitta ta' Settembru 2006 **xehed Alfred Mangion** [fol 19] fejn qal li hu kap tal-*customer care* fis-segretarjat privat tal-Onorevoli Prim Ministru. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk jgharafx lil imputata ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li l-gharus taghha certu Lee Anthony Degiorgio kien talab appuntament mal-Onorevoli Prim Ministru, kien ghamel telefonata u talab li jiltaqa mal-Onorevoli Prim Ministru biex ikellmu fuq kwistjoni personali. Qal li huma ghandhom procedura li min jitlob appuntament mal-Onorevoli Prim Ministru, jarawh hu u Remigio Bartolo li jigi s-segretarju privat tal-Onorevoli Prim Ministru.

Spjega li huma ltaqghu ma Lee Anthony Degiorgio nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar fejn kien akkumpanjat mill-gharusa tieghu. Qal li Lee Anthony Degiorgio kien mar ikellimhom dwar possibilita ta' mpieg. Qal li waqt dan d-diskors qabzet l-gharusa tieghu l-imputata odjerna u qalet li Lee Anthony Degiorgio kien bata hafna u li xi sena qabel kien applika biex jidhol *gunner* mal-Forzi Armati ta' Malta. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, l-imputata kienet qalet li hi kienet

tkellmet ma missierha li taha parir biex tmur tkellem persuna mill-Marsa, certu Frans maghruf bhala ‘Pluto’. Qalet wkoll li dan Frans kien talabhom hames mitt lira. Lee Anthony Degiorgio dakinhar kien qal li hu hareg mitejn u hamsin lira u gab mitejn u hamsin lira ohra minghand missier l-imputata u tahom lil Frans maghruf bhala ‘Pluto’ sabiex jirrangalu biex jiehu xoghol ta’ *gunner* mal-Forzi Armati ta’ Malta. Ix-xhud qal li dan d-diskors sar mill-imputata fil-presenza ta’ Lee Anthony Degiorgio. Qalet wkoll li wara xi zmien hi u Lee Anthony Degiorgio akkumpanjati mill-genituri taghha, kienu ltaqghu ma Frans l-‘Pluto’, aktarx l-Marsa u flimkien marru l-istamperija tan-Nazzjonalisti. L-imputata kienet qalet li hi kienet rat lil Frans l-‘Pluto’ jghaddi hames mitt lira lil Robert tal-isports. Qal lil-imputata fl-ebda hin ma qalet li Robert huwa impjegat mal-ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru.

Ix-xhud qal li meta din il-laqgha spiccat, hu u Remigio Bartolo kienu nkwetati ghaliex kien hemm allegazzjoni li xi hadd talab somma ta’ hames mitt lira maltin u peress li huma kienu jafu lil Robert Cutajar li jaghmel programm tal-isport fuq Net television u li jahdem fl-ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru, iddicedew li jkellmuh dak l-hin stess. Spjega li meta dan gie mitkellem minnhom, Robert Cutajar cahad din l-allegazzjoni. Qal li huma staqsew lil Robert Cutajar jekk kienx jaf lil imputata u lil Lee Anthony Degiorgio u dan irrispondih li ma kienx jafhom. Staqsewh wkoll jekk kienx jaf lil Frans l-‘Pluto’ u wiegeb li kien jafu pero kif ezattament kien jafu, ix-xhud ma ftakarx. Qal li kienu ser jkellmu lil kap tas-segretarjat pero kien imsiefer u Robert Cutajar qalilhom li huwa kien ghamel kuntatt mal-Kummissarju tal-Pulizija dirett biex il-kaz jigi nvestigat.

Ix-xhud kompla jghid li l-ghada huma ltaqghu mal-ispettur. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, il-Kummissarju tal-Pulizija kien tahom parir li jibghatu ghal Lee Anthony Degiorgio w iltaqghu mieghu fil-presenza tal-ispettur. Qal li lil Lee Anthony Degiorgio <u>ma kienux qalulu mill-ewwel li l-persuna l-ohra kien spettur tal-pulizija</u> u talbuh jirrepeti dak li kien qal il-jum ta’ qabel, u hekk ghamel. Zied jghid li sussegwentement l-ispettur identifika ruhu quddiem Lee

Anthony Degiorgio bhala tali. Qal li wara dan kollu talbu lil Lee Anthony Degiorgio ma johrogx mill-kamra fejn kienu u l-ispettur talab li tiddahhal l-imputata u Robert Cutajar fl-istess kamra ghal identifikazzjoni u malli Robert dahal, l-ispettur staqsa lil Lee Anthony Degiorgio jekk jaghrafx lil Robert Cutajar u dan wiegeb fl-affermattiv. Qal li sussegwentement l-Ispettur Angelo Gafa ha lil Lee Anthony Degiorgio d-depot ghal aktar investigazzjoni.

Spjega li fit-tieni laqgha li kellhom, l-imputata ma kienetx presenti. Ix-xhud ikkonferma li l-imputat fl-ebda hin ma identifikat lil Robert Cutajar mieghu. Mistoqsi jekk lil Kummissarju tal-Pulizija kienux qalulu li Lee Anthony Degiorgio kien ghamel l-istess allegazzjoni li kienet ghamlet l-imputat lejliet, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li Lee Anthony Degiorgio, quddiem l-ispettur kien ikkonferma dak li l-imputata kienet qalet lejliet u ghamel l-istess allegazzjonijiet li kienet ghamlet hi. Mistoqsi jekk kienx hu li ha l-appuntament ta’ Lee Anthony Degiorgio, ix-xhud wiegeb li mhux soltu li jiehu appuntament tali, pero ma eskludiex li setgha kien hu li hadu. Mistoqsi jekk f’dan il-kaz partikolari hemmx xi dokument li jindika b’certezza x’ried Lee Anthony Degiorgio ghal-laqgha tieghu, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf, pero qal li s-segretarji jistaqsu lil dak li jkun fuq x’hiex ikun irid jitkellem mal- Onorevoli Prim Ministru meta jitlob tali appuntament. Qal li jkun hemm minn jaghti tali informazzjoni u min le.

Mistoqsi jekk kienx sar diskors fis-sens li huma qalu lil Lee Anthony Degiorgio li mhux xoghol ma kienx hemm, izda li hu ma xtaqx jahdem u kien f’dak l-hin li l-imputata interrompietu qalet li anke flus l-gharus taghha kien hallas biex isib xoghol, ix-xhud wiegeb li dan d-diskors ma jiftakrux.

Ix-xhud zied jghid li wara li l-imputata qalet dak kollu fil-laqgha tal-ewwel ta’ Gunju 2006, qalet wkoll li kien fuq dan li riedet tkellem lil Onorevoli Prim Ministru biex tghidlu x’kwalita ta’nies hemm jahdmu mac-civil. Qal li meta l-imputata ghamlet din l-allegazzjoni dwar Robert tal-isports, huma marru mill-ewwel fuq Robert Cutajar li jahdem fl-ufficju tal- Onorevoli Prim Ministru, ghaliex lilu

kienu jafu li jahdem fl-isports u li ghandu programm fuq Net television. Qal li fl-ebda hin ma l-imputata qalet li Robert tal-isports jahdem fl-ufficju tal- Onorevoli Prim Ministru, qalet li jahdem fic-civil. Mistoqsi jekk hemm xi dokument li jghid effettivament x'ried Lee Anthony Degiorgio minghand l-Onorevoli Prim Ministru, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf, pero jekk effettivament hemm, dan ma giex mghoddi lil pulizija minnu jew minn Remigio Bartolo. Qal li lil pulizija huma lanqas ma qalulhom li possibilment ghandhom tali dokument.

Illi nhar l-hdax ta' Settembru 2006 **rega' xehed Alfred Mangion** [fol 26] fejn wara li ghamel referenza ghax-xhieda precedenti tieghu, fejn kien gie mistoqsi jekk kienx hemm notamenti dwar l-appuntament mal-Onorevoli Prim Ministru li kien talab Lee Anthony Degiorgio, qal li minn ricerka li ghamel rrizultalu li kien hemm u sab tali dokument. Ix-xhud esibixxa fotokopja tal-appuntament li jgib d-data tat-tnax ta' Mejju li jindika li Lee Anthony Degiorgio kien cempel lil certu Sandro Camilleri u talab tali appuntament, liema kopja giet mmarkata bhala dokument AM [fol 28]. Qal li fuq dan d-dokument hemm imnizzel "… and other personal matters".

Ix-xhud qal li xtaq jaghmel korrezzjoni fix-xhieda precedenti tieghu wara li kkonsulta tali dokument u qal li qabel kien qal li t-tfajla kif wkoll Lee Anthony Degiorgio kienu qalu li raw l-flus ghaddejja. Spjega li fuq l-*attachment* li ghandu ma dan d-dokument hemm imnizzel li t-fajla ratu jghaddi l-flus lil Robert tal-isports, pero dik kien nizzilha hu stess dakinhar.

Illi nhar s-sitta ta' Settembru 2006 **xehed Robert Cutajar** [fol 23] fejn qal li hu jahdem bhala *communications officer* fl-ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru u li jippresenta u jaghmel programmi sportivi fuq Net Television. Mistoqsi jekk jafx lil Frans maghruf bhala 'Pluto', li l-pulizija qaltlu li kunjomu hu Mizzi, x-xhud wiegeb li jafu u li hu mill-Marsa. Mistoqsi x'tip ta' xoghol ghandu Frans Mizzi, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf u li jafu ghaliex *way back*, xi xhur qabel Frans Mizzi kien jitolbu xi biljetti konnessi ma xi attivitajiet sportivi li kienu ser isiru f'Malta. Qal li Frans

Mizzi qatt ma tah flus u l-biljetti kien jibghathomlu b'xejn. Qal li lil imputata ma jafhiex u qatt m'iltaqa maghha. Qal li lil Frans Mizzi jafu l-istamperija pero ma setghax jghid jekk kienx attivist tal-Partit Nazzjonalista jew le, ghalkemm rabta mal-politika kien hemm. Qal li Frans Mizzi ikun l-istamperija u hemm gieli ghaddielu xi biljetti.
Illi nhar l-hdax ta' Settembru 2006 **xehdet WPC 64 Connie Cauchi** [fol 30] fejn ikkonfermat il-firma taghha, l-firma tal-imputata u l-firma tal-Ispettur Angelo Gafa fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata wara li giet moghtija s-solita twissija, liema stqarrija tinsab esibita a fol 13 et seq tal-atti bhala dokument AG.

Illi nhar d-disgha ta' Ottubru 2006 **xehed Francis Mizzi** [fol 33] fejn qal li hu mlaqqam 'Pluto'. Qal li lil imputata jafha u li aktarx xi zmien qabel, xi tlett snin qabel, kienet marret tkellmu flimkien mal-gharus taghha f'Azzopardi Street, l-Marsa fejn joqghod. Qal li kienu marru jkellmuh fuq xi *job* komuni bhal dak ta' suldat u dak z-zmien inzerta li kien hemm xi *vacancy* ghal suldat u hu qalilhom li kien ser jipprova. Mistoqsi mill-Qorti jekk xogholu hux li jsib jobs lin-nies, x-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li hu kien talabhom xi flus u qalilhom li kien ser jghinhom isibu xi xoghol. Mistoqsi kemm tawh flus, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf kemm ezatt, jista jkun tlett mija u hamsin lira jew hames mitt lira maltin. Qal li dawk l-flus hu riedhom bhala rigal peress li kien ghaddej minn zmienijiet koroh u kellu bzonn l-flus <u>u qalilhom li kien ser jiehu cans u jmur ikellem lil Robert Cutajar u jghaddilu l-flus</u>. Qal li fil-verita l-flus m'ghaddihomx lil Robert Cutajar u fil-fatt lanqas qatt kellmu lil Robert Cutajar dwar il-*job* li talbuh. Qal li lil Robert Cutajar jafu jaghmel Replay fuq Net Television u peress li dak z-zmien kien jahdem fl-isports gieli mar ghandu biex jaghtih xi biljetti ghal *billiards*. Qal li dak z-zmien hu kellu l-vizzju li jsellef l-flus u kien waqa f'xikba ta' uzura u kien uza l-flus ghal dan l-ghan. Qal li fil-fatt beda jaghtihom l-flus lura b'dan il-mod. Qal li l-imputata u l-gharus taghha tawh l-flus l-Marsa.

<u>Fuq domanda tad-difiza jekk hux possibbli li fil-fatt huma ltaqghu l-istamperija u l-imputata ghaddietlu l-flus hemmhekk, ix-xhud wiegeb li jista jkun peress li ghadda</u>

hafna zmien. Qal li Robert Cutajar kien jahdem l-istamperija u li jista jkun li kien qal lil imputata tmur hdejn l-istamperija biex temmnu aktar dak li kien qalilha. Qal li hu ma qalx lil imputata li l-flus ma tahomx lil Robert Cutajar, anzi qalilha li kien tahomlu. Qal li meta ltaqa ma l-imputata, Robert Cutajar ma kienx presenti.

Ikkunsidrat:

Illi z-zewg akkuzi principali moghtija mill-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputata huma dawk naxxenti mill-artikolu 110(1) u 101(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Illi l-imputata giet akkuzata bir-reat kif kontemplat fis-sub artikolu (1) tal-artikolu 110 tal-Kodici Kriminali u cioe dak ta' kalunja reali jew indiretta u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta kontemplata fl-artikolu 101 li wkoll giet akkuzata bih, billi jirrikjedi li l-agent ikun b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm, fatt jew cirkostanza bl-iskop lid an l-fatt jew cirkostanza, tkun tista tingieb bhala prova kontra persuni ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif wkoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra billi jaghmel mill-gustizzja, strument t'ingustizzja kontra din il-persuna.

Fi kliem iehor, ghar-reat kontemplat fl-artikolu 101(1) mhux bizzejjed s-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi nnocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizzji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza tal-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fatt, ma sehhx. Kif gie affermat f'sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Frar 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v David Mizzi**, is-semplici fatt li wiehed joqghod fuq dak li jkun qallu haddiehor minghajr ma jkollu raguni ghaliex jahseb li dak li qallu dak l-haddiehor, ma kienx minnu, ma jwassalx ghar-reat in dezamina. Huwa necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat, kif jinghad fis-

sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Dicembru 2001*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Zarb**, li jkun hemm denunzja ta' reat lil pulizija li d-denunzjat ikun jaf li ma jezistux u li inoltre ikun holoq falsament taracci ta'dak l-istess reat.

Illi di piu, jirrizulta skond l-gurisprudenza kostanti li d-denunzja trid tkun saret b'mod voluntarju u b'mod spontaneju, b'mod li tkun b'inizjattiva ta' min ikun qed jakkuza u dan quddiem awtorita kompetenti.

Fil-fatt, **l-Imhallef Dottor Montanaro Gauci** fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nicolo Brincat et** moghtija nhar ***l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 1951***, isostni s-segwenti:

*"Id-delitt tal-kalunja huwa l-att ta' min, bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil din il-persuna quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija nnocenti. Il-kelma 'jakkuzza' ghandha tiftiehem fis-sens tal-kelma 'jiddenunzja' u hemm din d-denunzja, meta l-informazzjoni falza tigi moghtija lil awtorita mhux biss voluntarjament, imma wkoll spontanjament, b'mod li fl-att tad-denunzjant ikun hemm certa inizjattiva. Ghaldaqstant, jekk l-informazzjoni falza tigi moghtija lil awtorita mhux spontajament, imma ghax kienet l-istess awtorita li staqsiet ghal dik l-informazzjoni, ikun hemm –reat tad-diffamazzjoni, imma mhux dak tal-kalunja.*
*Inghad wkoll anke fil-konfront tar-reat tal-kalunja:*

*Bosta awturi moderni Taljani li kkommentaw l-ligi Taljana, u bosta gurisprudenza Taljana moderna, irritenew li huwa sufficjenti li l-informazzjoni falza, li biha dak li jkun jakkuza bniedem innocenti ta' reat, tkun giet moghtija lil awtorita voluntarjament, u m'hemmx bzonn tkun spontanja. Dik l-interpretazzjoni hija certament adatta ferm ghat-test tal-ligi Taljana. Izda la din hi differenti: mill-ligi taghna, dawk il-kummenti ma nistghux noqghodu fuqhom, imma ghandna aktar noqghodu fuq kommentaturi ta' ligijiet bhal taghna. Issa, fil-kuncett ta' denunzja, jidher li hemm l-idea ta'certa nizzjattiva w ghalhekk, tidher aktar plawsibbli t-teorija ta' dawk li jghidu li d-denunzja trid tkun spontanja u mhux*

*provokata mill-awtorita. Jghid Falzon [ibid. no. 494 – pagna 180] –*

*"Egli e pero vero che la denuncia debba essere spontanea, perche se un individuo, interrogato da un ufficiale della Polizia Esecuttiva, gli dice falsamente di essere sciente del reato dicui egli chiede notizia, qualunque possa essere colpevole d'inguria, pure non puo essere reo di calunia a senso di questo articolo [autori della Teorica del Codice Penale, Vol. II, Cap. LVII, no. 3100]. Anki awturi ohrajn li ttrattaw fuq r-reat tal-kalunja b'mod l-aktar xjentifiku sostnew l-istess teorija, li sostna l-awtur taghna Falzon [ara Pessina, Elementi, Vol.III – 225, Masucci, Della Calunia, No. 100; Innamorati – Delitti contra l'Amministrazione della Giustizia. P. 73; Chaveau-Hellie, Teorica del Codice Penale Vol.II, No. 3100].*

*Fil-kaz ta' Pawlu Brincat, ma jistax jinghad li kien hemm xi inizzjattiva fir-rapport, jew ahjar fl-informazzjonijiet li tat lil Ispettur Coppola, u ma kienx hemm l-vera denunzja; ghax hi marret l-ghassa ghax giet imsejjha u mistoqsija, wara li l-Ispettur qalilha x'kien mar jirrapporta missierha, tat l-informazzjoni w ikkonfermat dak li kien qal missierha, salv certi varjanti fid-dettalji li ma kienux ibiddlu n-natura tar-reat. Certament, anke hi kienet intiza mill-falsita tal-informazzjoni u ma setghax kellha intenzjonijiet innocenti, izda dak li ghamlet hi, ghad-differenza ta' dak li ghamel missierha, ma kienx jikkostitwixxi d-delitt ta' kalunja, izda d-delitt minuri ta' difamazzjoni li fih 'dolus in re ipsa in est'."*

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Frar 1998*** fl-**ismijiet Il-Pulizija v George Borg**, wara li ghamlet referenza ghal kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Mary Dark** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1947,*** u kkonfermata b'sentenza recenti moghtija mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Borg,** ***deciza fil-hamsa ta' Frar, 1998*****,** tlieta huma l-elementi li jaghtu hajja ghar-reat ta' kalunja.

"*1. l-intenzjoni li wiehd jaghmel hsara lil persuna enunzjata;*
*2. l-akkuza quddiem l-awtorita kompetenti;*
*3. li dik l-akkuza tkun tirreferi ghal kommissjoni ta' reat li ghalih d-denunzjat ikun jaf li d-denunzjat huwa nnocenti.*"

Fil-fatt, d-difiza ghamlet referenza ghal ***Notes on Criminal Law*** ta' **Sir Anthony Mamo** fl-appunti tieghu a fol 64, ghar-rigward l-element formali ta' dan r-reat u hu ghalhekk li din il-Qorti sejra taghmel referenza lejhom.

Il-**Professur Sir Anthony Mamo** jghid is-segwenti:

"*The accused who gives the information or makes the report or complaint to the competent authority against another person may have grounds for believing or at least suspecting him to be guilty of the offence charged. Notwithstanding that the evidence may subsequently disclose and establish the innocence of the accused, the law could not reasonably punish the accused who would have merely used and not abused a right which is competent to him* [p. 64].

*The knowledge of the part of the informer or complainant of the innocence of the person to whose charge the information is laid or the complaint made must be <u>certain</u> so that it can be said that he deliberately and maliciously made the false imputation* [p. 64]"

Id-difiza sostniet wkoll li r-rapport irid isir quddiem awtorita kompetenti u fil-fehma taghha, l-ufficju tal- Onorevoli Prim Ministru ma jikkossitwix awtorita kompetenti fit-termini tal-ligi.

Dwar dan l-punt, il-Qorti ghamlet r-ricerki taghha stante s-sensittivita ta' dan l-allegat rapport u cioe li sar fl-ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru, u sabet li skond s-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Ottubru 1997*** fil-kawza fl-ismjiet **Il-Pulizija v Joseph Seychel**l:

*"… l-akkuza jew denunzja ai finijiet ta' kalunja, ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri quddiem awtorita li ghandha s-setgha li tipprocedi biex tinvestiga w eventwalment tressaq il-Qorti [jew tghaddi l-kaz lil haddiehor biex dan eventwalment iressaq l-Qorti] lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkommettiet dak r-reat."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata kienet tat s-somma ta' hames mitt lira maltin lil certu Francis Mizzi imlaqqam 'Pluto' bil-ghan li jirrangalha job ghal gharus taghha Lee Anthony Degiorgio. Illi effettivament dan Francis Mizzi kellu jghaddihom lil certu Robert Cutajar, impjegat fl-ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru, sabiex jghinu.

Illi dan Francis Mizzi, xehed f'dawn il-proceduri w ammetta li kien ha dawn il-flejjes pero qal li kien ghaddej minn zminijiet koroh u kellu bzonn l-flus.

Pero meta gie mistoqsi jekk verament semmiex l-pesuna ta' Robert Cutajar, dan stqarr li kien semmietulu u qalilha li kien ser jihu cans u ikellem lil dan Robert Cutajar u jghaddi l-flus lilu. Stqarr li fil-verita, l-flus m'ghaddiehomlux u li lanqas ma kien kellmu fuq din il-kwistjoni. Qal li possibilment dawn il-flus gew mghoddija lilu waqt li kien fl-istamperija u dan sar hekk biex l-imputata temmnu aktar. Mistoqsi jekk qalx lil imputata li l-flus m'ghaddiehomx lil Robert Cutajar, Francis Mizzi wiegeb fin-negattiv.

Illi jirrizulta wkoll mill-atti li l-imputata qatt ma marret taghmel xi rapport m'awtorita kompetenti izda kien il-Kummissarju tal-Pulizija li baghat lil Ufficjal Prosekutur fl-ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru biex jinvestiga r-rapport li allegatament kienet ghamlet l-imputata. Illi jirrizulta wkoll li l-imputata qatt ma kellha l-hsieb li tirrapporta dak li effettivament gie rappurtat li qalet lil xi awtorita kompetenti izda kienet il-Pulizija Ezekuttiva li ttantat tonsobha.

Illi mill-kumpless tal-provi migjuba, ma jirrizultax li l-imputata qatt ghamlet xi rapport ghand l-awtorita kompetenti w in oltre, ma jistax jinghad li hemm xejn li jindika li l-imputata <u>kienet taf</u> jew setghet ragjonevolment tkun taf jew tobsor, li dik l-informazzjoni li kellha, kienet vera. L-imputata, kif del resto kellha d-dover li taghmel, ghaddiet l-informazzjoni disgustanti li kellha, lil ufficjal li jahdem fl-ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru, ghamlet laqgha mal-Onorevoli Prim Ministru liema laqgha m'inghatatx. Fl-operat taghha l-imputata tidher li agixxiet bi prudenza u minghajr hazen, ghalkemm forsi setghet qabel m'ghaddiet l-informazzjoni msemmija, taghmel l-verifiki aktar dettaljati u kienet tiffranka ghaliha nnifisha l-inkwiet kollu li ghaddiet minnu f'din il-kawza. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, anke l-elementi formali ta' dawn iz-zewg reati ma gewx sodisfacentement ppruvati sal-grad li trid l-ligi u ghalhekk l-ewwel zewg akkuzi ma jirrizultawx ippruvati.

Fit-tielet lok, l-imputata giet akkuzata talli bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Robert Cutajar mill-Mellieha, wegghetu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor kif kontemplat fl-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ma hemmx dubbju li dan d-delitt jirrikjedi l-intenzjoni kriminuza specifika ta' min iwettaq darn-reat, tkun li bhala rizultat ta' dak l-att kriminuz tieghu, tigi mnaqqsa jew imtelfa r-reputazzjoni jew gieh ta' 'l hekk imsejjah offiz. Dan l-artikolu, a differenza ta' l-ingurja, hija diretta lejn persuna w issir fil-presenza taghha, ghandu bhala l-iskop ewlieni tieghu, li jipprotegi l-gieh jew r-reputazzjoni ta' xi persuna fis-sens li dawn l-kwalitajiet ma jigux imnaqqsa jew danneggjati b'xi azzjoni miktuba li tkun intenzjontata jew voluta li twassal ghal dak l-effett jew rizultat.

Fuq dan il-punt l-awtur famuz Taljan **Antolisei** jghid:

"*Per la consumazione del reato di difamazione, e' necessario che l'espressione offensiva pervenga a conoscenza di un' altra persona <u>e sia da altri percepita</u>.*

*La perfezione del reato si verifica allorche' i fatti che li concretano vengono a conoscenza di altre persone*."

Ma hemmx dubbju, li l-ingurja kontemplata fl-artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali trid tkun maghmula bil-hsieb specifiku li dak li jkun, inaqqas jew itellef l-gieh ta' haddiehor. Illi fid-dottrina specifika ta' meta l-kliem [jew atti, kitba, disinji ecc.] ikunu manifestament ingurjuzi, tali intenzjoni specifika hija presunta li jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkuzat li jipprova [imqarr fuq bazi ta' probabbilita] li dawk il-kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltragga izda b'xi skop iehor rikonoxxut mill-ligi li jinnewtralizza l-*animus injuriandi*. [vide wkoll ***Francesco Cascun v Rev. Sac. Charles Vella – Appell Kriminali – 13.05.1961***]

Hekk, per ezempju, jekk il-kliem inkwistjoni jkunu ntqalu *animus corrigendi*, jew *animus consulendi* jew *animus jacondi*, ma jistax jinghad li hemm r-reat kontemplat fl-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali [ghalkemm fil-kaz ta' kliem li jinghad *animus jacondi* jista jkollok fil-ligi taghna, l-ingurja kontemplata fl-artikolu 339(1)(e)].

L-istess jista jinghad jekk persuna tkun <u>ragonevolment</u> tahseb li sar reat [kontra jew fil-konfront ta' haddiehor] jew anke jekk l-fatt ma jammontax ghal reat, jekk tkun <u>ragonevolment</u> tahseb li qed issir xi haga li tista tkun ta' hsara ghaliha jew ghal terzi, tista tiddenunzja dak l-fatt lil awtorita kompetenti bla ma tinkorri r-reat ta' ingurja.

Kif gie mfisser mill-***Qorti Kriminali*** fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Baldacchino u Shiela Abela et** [***Appell Kriminali deciz nhar s-sitta ta' Dicembru 1948***] :

*"Hu principju sanit mill-gurisprudenza li jekk persuna ghal ragunijiet tajba, tkun gustifikata li tahseb ragonevolment, u mhux bla motiv gust li haddiehor ghamel reat ghad-dannu taghha, u timputatlu dan ir-reat, allura b'daqshekk ma hix soggetta ghal proceduri ghal ingurja. <u>Izda hi kondizzjoni fost ohrajn ta' l-applikabilita ta' dan il-principju li l-imputazzjoni ghanda ssir bl-inqas publicita possibbli</u>. Jekk b'kumbinazzjoni meta ssir l-imputazzjoni jkun hemm xi*

*hadd presenti, b'daqshekk l-privilegg ma jintilifx necessarjament, basta li jirrizulta li l-imputazzjoni ma gietx komunikata lil persuna ohra avvicinati bla bzonn." [sottolinear tal-Qorti tal-Appell Kriminali].*

Fis-sentenza moghtija wkoll mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Gunju 1957*** fl-ismijiet **Maria Bouvett v Lorenzo Formosa**, biex wiehed jinvoka bhala mezz difensjonali f'materja t'ingurja, l-*animus consulendi* jew l-*animus corrigendi*, jinhtieg li dak li jkun, izomm ruhu fil-limiti ta' kliem konfidenzjali u li jkun qalhom biss, lil min kien jehtieg jghidhom biex jilhaq l-iskop suppost salutari tieghu, bla ebda publicita u *senza mescare un po' di livore proprio*.

Issa fil-kaz in ezami, jirrizulta bl-aktar mod sodisfacenti ghal Qorti li meta l-imputata tkellmet mal-ufficjal tal-ufficju tal-Onorevoli Prim Ministru, hija llimitat ruhha ghal dak li kien strettament necessarju biex jilhaq s-suppost skop salutari li kellha f'mohha.

Illi fil-fehma tal-Qorti wara li gharblet fit-tul, hi tal-fehma li ma kienx hemm l-*animus injuriandi* rikjest mill-ligi ghal ezistenza ta' dan r-reat.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 101(1), 110(1) u 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddecidi li ma ssibx lill-imputata TRIZA GRIMA hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha u tilliberaha minnhom.**

**Il-Qorti, dwar t-talba maghmula ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li qed tillibera lil imputata mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha, mhux ser tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------